

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-18 ta' Jannar 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Finanzgericht Düsseldorf – il-Ġermanja) – Wortmann KG Internationale Schuhproduktionen vs Hauptzollamt Bielefeld

(Kawża C-365/15) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Unjoni doganali u tariffa doganali komuni — Rimbors tad-dazji fuq l-importazzjoni — Regolament (KEE) Nru 2913/92 (Kodiċi Doganali) — L-ewwel inċiż tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 241 — Obbligu ta' Stat Membru li jipprevedi l-ħlas ta' interessi moratorji saħansitra fl-assenza ta' rikors quddiem il-qrati nazzjonali)

(2017/C 070/06)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Finanzgericht Düsseldorf

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Wortmann KG Internationale Schuhproduktionen

Konvenut: Hauptzollamt Bielefeld

Dispożittiv

Meta dazji fuq l-importazzjoni, inklużi dazji antidumping, jiġu rimborsati għar-raġuni li jkunu nġabru bi ksur tad-dritt tal-Unjoni, ħaġa li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, ikun jeżisti obbligu għall-Istati Membri, li jirriżulta mid-dritt tal-Unjoni, li jħalli l-interessi relattivi għalihom lill-individwi li għandhom dritt għar-rimbors, liema interessi jiddekorru mid-data tal-ħlas minn dawn l-individwi tad-dazji rimborsati.

⁽¹⁾ ĠU C 328, 5.10.2015.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tat-18 ta' Jannar 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Nejvyšší soud České republiky – Ir-Repubblika Ċeka) – NEW WAVE CZ, a.s. vs ALLTOYS, spol. s r. o.

(Kawża C-427/15) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Proprjetà intellettuali — Direttiva 2004/48/KE — Azzjoni marbuta ma' leżjoni ta' dritt tal-proprjetà intellettuali — Dritt għal informazzjoni — Talba għal informazzjoni fi proċedura — Proċedura marbuta mal-azzjoni li wasslet għall-konstatazzjoni ta' leżjoni ta' dritt tal-proprjetà intellettuali)

(2017/C 070/07)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

Qorti tar-rinviju

Nejvyšší soud České republiky

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: NEW WAVE CZ, a.s.

Konvenuta: ALLTOYS, spol. s r. o.